MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2006

Numru 979/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Jeffrey Cilia)**

**v**

**Michael Aquilina ta' 26 sena bin**
**Michael u Rita Ellul nee Busuttil, imwieled Attard,**
**fl-10 ta' Lulju, 1978, residenti 90,**
**Triq Birzebbuga, Birzebbuga, detentur**
**tal-karta tal-identita' bin-numru 531678 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Michael Aquilina li gie akkuzat talli nhar l-24 ta' Gunju, 2003 ghall-habta tal-

10.30 p.m. fis-Siggiewi, ikkommetta serq ta' mobile phone tal-ghamla Nokia, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u li sar ghad-detriment ta' Mark Ciangura.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement b'kull mod li jkun, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg (il-mobile phone hawn fuq imsemmi) misruqa, mehdua b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

U aktar talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghitja mill-Qrati ta' Malta, diversament preseduti, liema sentenzi definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew mhassra.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat ukoll il-kunsens ta' l-akkuzat ghal proceduri sommarji, kif ukoll ghall-fatt li hu wiegeb li ma kienx hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat b'mod partikolari n-nota tal-Ufficjal Prosekutur, dan wara li l-istess naqas ghal diversi drabi, nonostante l-ordni tal-Qorti u sommarjeta' tal-kawza, li jressaq il-provi tal-Prosekuzzjoni. Harsa lejn il-verbali pertinenti huwa prova ta' dan. In oltre tissoleva l-Qorti li xejn ma Hi mpressjonata b'din in-nota li jekk, u allahares kienet xi forma ta' theddida, kienet iggib maghha xejn inqas minn disprezz lejn l-Awtorita' taghha, fil-kumplament hija zejda u retorika.

Kull ma ghandha xi tghid din il-Qorti li rezi sommarji l-proceduri kien jispetta lill-Ufficjal Prosekutur li jressaq fi zmien ragonevoli l-provi tieghu, mhux f'kazijiet lanqas jindenja jidher ghal prosegwiment tal-kawza. Oltre dana huwa kellu kull opportunita' jittratta l-kawza bhal ma kellu l-Avukat Difensur. Pero' b'dan kollu anke jekk li se

jinghad huwa xejn hlief retorika, jista', jekk ihossu aggravat, jintavola appell.

Fil-mertu rat il-provi prodotti. Huwa veru li l-istqarrija ta' l-akkuzat hija wahda li ma tispira ebda fiducja fl-istess imputat in kwantu anke jikkontradixxi lilu nnifsu fil-konfront tal-konoxxenza tieghu ta' Silvio Livori, pero' din wahedha zgur ma twassalx ghall-htija.

Pero' la ngab ix-xhud Livori u lanqas dawk tal-Go Mobile (imsemmija per parentesi fis-seduta tal-20 ta' April, 2005) li setghu jissostanzjaw it-tezi tal-Prosekuzzjoni dwar min ikkommetta s-serq tal-mobile ta' Mark Deguara.

Illi in oltre x-xhieda kemm ta' Paul u Mark Deguara ma jwasslux biex jorbtu lill-akkuzat mar-reat in dizamina. Lanqas ma tressqu jew gew hekk dikjarati li se jitressqu shab Mark Deguara li assistew ghas-serqa u setghu jitfghu dawl car fuq dan l-incident.

Ghaldaqstant qed tillibera lil Michael Aquilina mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu in kwantu mhux sufficjentement pruvati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------